Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# K 200/2022: IL-PULIZIJA (SPETTUR LYDON ZAMMIT, SPETTUR STEPHEN GULIA U SPETTUR KURT FARRUGIA) V. BRENDAN CACHIA (KI. 075487M), OMISSIS U OMISSIS

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' April 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra *omissis, omissis* u kif ukoll kontra Brendan Cachia, detentur tal-karta tal-identità numru 075487M imwieled il-Pietà u residenti Il-Birgu ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat illi fis-seduta tal-preżentata tad-19 ta' April 2022 l-imputat irreġistra ammissjoni u kkonfermaha wara li l-Qorti tagħtu ċans jerġa lura minnha,

wara li rat illi fl-istess seduta l-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għas-separazzjoni tal-ġudizzju sabiex il-proċeduri kontra l-imputat Brendan Cachia jitkomplew b'mod separat,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni fuq il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Lydon Zammit
- tad-Difiża, mill-Avukat tal-Għajnuna Legali, Dr. Martin Fenech

qed tagħti din is-

### Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest fis-seduta tad-19 ta' April 2022 bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli:

    1. flimkien ma' *omissis* u *omissis* nhar is-17 t'April 2022 minn ġewwa sit ta' kostruzzjoni li jinsab sitwat ġewwa Triq il-Kapuċċini, Kalkara ikkommetta serq ta' oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin euro u seba' u tletin ċentezmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta' Joseph Borg Bonaci u/jew persuni ohra u/jew entitajiet oħra,

    2. waħdu nhar il-11 t' April 2022 minn ġewwa "Chaparral Garage", Triq Alessandra, Bormla ikkometta serg ta' oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin euro u seba' u tletin ċenteżmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta' Joseph Cachia u/jew persuni oħra u/jew entatitajiet oħra,

    3. waħdu nhar it-13 ta' April 2022 għal ħabta ta' bejn is-18:45 Hrs u s-19:15 Hrs ta' ġewwa Trig il-Kbira, San Ġuzepp, Ħamrun ikkommetta serq ta' oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin euro u seba' u tletin ċenteżmu (€2329.37) u li sar ghad-dannu ta' Jeanelle Caruana u/jew persuni oħra u/jew entatitajiet oħra,

    4. waħdu fl-istess dati, lok u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr Gabriella Vella bid-digriet tagħha tat-12 t'April 2021 li bih tatu l-ħelsien mill-arrest u li ġie varjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Gabriella Vella bid-digriet taghha tat-30 ta' Novembru 2021,

    5. waħdu nhar il-15 t'April 2022 fid-21:00 hrs, naqas milli jidher fl-Uffiċċju tal-Ispettur Stephen Gulia ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana, hekk kif ordnat mill-uffiċal tal-kustodja nhar it-8 t'April 2022,

    6. fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi hu u *omissis* rrendew ruħhom reċeiivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma' jistawx jinbidlu.

2. Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta tal-persuni fuq indikati

**Ammissjoni bikrija**

4. Fis-seduta tad-19 ta' April 2022, wara li sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati.

5. Fl-istess seduta l-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għas-separazzjoni tal-ġudizzju sabiex il-proċeduri kontra l-imputat Brendan Cachia jitkomplew b'mod separat.

6. Ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u tagħtu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-kawża ġiet posposta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat tiegħu u wara li l-kawża reġgħet issejjħet l-imputat ikkonferma għal darb' oħra l-istess ammissjoni.

7. Il-Qorti għalhekk irreġistrat it-tweġiba tal-imputat u bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaddiet għas-sentenza wara li kkunsidrat x'kellhom x'jgħidu l-Prosekuzzjoni u d-Difiża dwar il-piena.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

8. Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li għandha tiġi inflitta fejn qablu li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż middroga u jeħtieġ li jkun mgħejjun jegħleb l-istess vizzju. Rat ukoll il-Qorti illi din ma' kienetx l-ewwel darba li l-imputat xellef difru mal-ġustizzja u jidher illi fiċ-ċirkustanzi piena karċerarja effettiva tkun waħda ġusta. Madanakollu l-Qorti trid tara ukoll illi apparti li jħallas d-dejn tiegħu lis-soċjeta b'mod ġenerali u b'mod partikolari iħallas kumpens addattat lill-vittmi tar-reati tiegħu, il-ħati jingħata l-għajnuna kollha possibbli sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga – xi ħaġa diffiċli iżda mhux impossibbli jekk il-ħati jagħmel moħħu hemm, jaħtaf din l-opportunita' u jgħin lilu nnifsu.

**Deċiżjoni**

9. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu (Kap. 9, Art. 261(c), 267, 279(a), 279(b),579(2) , 355AL(3), 355AL(4) u 355AL(5)). Il-Qorti qegħda ukoll tiddikjarah reċidiv ai termini tal-Art. 49 tal-Kap. 9 iżda qed tagħżel illi ma' tapplikax id-disposizzjonijiet tal-Art. 50 u 289 tal-istess kap. B'konsegwenza tal-ħtija tiegħu il-Qorti qegħda:**

1. **tikkundanna lill-imputat għal piena karċerarja ta' tlett (3) snin;**

2. **tordna li l-ammont ta' elf euro (€1000) li kien ġie ddepożitat mill-imputat fir-Reġistru ta' din il-Qorti bħala garanzija wara d-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Maġistrat Gabriella Vella fit-12 ta' April 2021 jiġi kkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Għal kull bwon fini peress illi l-Prosekuzzjoni ma' talbitx formalment ir-revoka tad-digriet in kwistjoni ai termini tal-Art. 579(3) tal-Kap. 9, dan id-digriet għandu jibqa' fis-seħħ għall-kumplament tiegħu;**

3. **toħroġ <u>Ordni ta' Trażżin</u> ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur Joseph Borg Bonaci, Joseph Cachia u Jeanelle Caruana għal perjodu ta' tlett (3) snin. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi hawn anness;**

4. **toħroġ <u>Ordni ta' Trattament</u> ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' ta' Malta għal perjodu ta' tliet snin taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni sabiex il-ħati ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga;**

5. **tordna lill-ħati sabiex ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 jħallas is-somma ta' erba' mitt euro (€400) lil Joseph Cachia u mija u għoxrin euro (€120) lil Jeanelle Caruana bħala kumpens għat-telf li sofrew entro xahrejn mid-data tas-sentenza, liema ordni għandu tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Tordna ukoll li:**

- **kopja tal-Ordni ta' Trattament tintbgaħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole;**
- **kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u**
- **l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.**

**Fir-rigward tat-talba għall-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ai termini tal-Art. 533 tal-Kap. 9, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba stante illi ma' ġew maħtura l-ebda esperti**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistrat |

Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## K 200/2022: IL-PULIZIJA (SPETTUR LYDON ZAMMIT, SPETTUR STEPHEN GULIA U SPETTUR KURT FARRUGIA) V. BRENDAN CACHIA (KI. 075487M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' April 2022**

IL-QORTI,

qegħda tqis li jkun espedjenti li bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni hawn isfel indikati, tagħmel

**Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

taħt il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **tlett snin,**

2. Il-ħati qed jiġi pprojbit milli:

    a. javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Joseph Borg Bonaci (KI. 4378M), Joseph Cachia (KI. 470258M) u Jeanelle Caruana (KI. 395596M)** ("il-persuni protetti");

    b. jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuni protetti jgħixu, jaħdmu jew jiffrekwentaw,

c. jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuni protetti.

3. Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

4. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.

Tordna li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Brendan Cachia**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |

Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# K 200/2022: IL-PULIZIJA (SPETTUR LYDON ZAMMIT, SPETTUR STEPHEN GULIA U SPETTUR KURT FARRUGIA) V. BRENDAN CACHIA (KI. 075487M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' April 2022**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2022 hija ordnat *inter alia* ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-ħati jitpoġġa taħt Ordni ta' Trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan għal perjodu ta' tliet snin millum.

wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

qed tagħti din l-

## Ordni ta' Trattament

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **<u>tlett (3) snin</u>** mil-lum,

2. It-Trattament ser ikun sabiex jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju tad-droga u diffikultajiet anċillari li jista' jkollu kif ukoll sabiex joqgħod lura milli jirrikorri għas-serq, skond kif l-Uffiċjal tal-Probation maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati, u dan sabiex il-ħati jiġi analizzat u trattat għal imġieba tiegħu.

3. Matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut il-ħati minnu inkluż testijiet tal-urina u testijiet oħra, u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni u kif ukoll li l-ħati għandu jsegwi u joqgħod għal dawk il-programmi jew trattamenti, inkluż programmi residenzjali kontra l-abbuż tad-droga li l-istess Uffiċjal jista' jippreskrivi lill-ħati minn żmien għal żmien

4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

**V.G. Axiak** **Y. M. Pace**

**Maġistrat** **Dep. Reġistratur**